MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Numru 73/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa']**

**vs**

**Mario Emanuel Camilleri**

## Il-Qorti:

**1.** Rat l-akkuza dedotta kontra Mario Emanuel Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 29190M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Marzu tas-sena 2006 jew f'xi perjodu qabel, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi

wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u ċioe' ċertifikat ta' edukazzjoni sekondarja.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f' każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi tapplika l-proveddimenti ta' l-Artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 183 u 190 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u ikkundannatu perjodu ta' ħmistax (15) il-xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan il-perjodu ta' prigunerija ġie sospiż għal-żmien sentejn mid-data tas-sentenza. B'żieda mal-piena, u b'applikazzjoni tal-artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti ordnat l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tal-ħati.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Emanuel Camilleri minnu ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2013 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u subordinatament, f'każ ta' konferma ta' ħtija, illi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

F'Novembru 2006 il-pulizija rċeviet rapport mill-Ministeru ta' Għawdex li bih ġie allegat li mill-iskola ta' Ninu Cremona tar-Rabat Għawdex kien ġie rilaxxjat ċertifikat

falz dwar it-terminazzjoni ta' attendenza l-iskola. Iċ-ċertifikat kellu d-data tal-11 ta' Ġunju 1987 u nħareġ f'isem ċertu Raphael Axiaq bil-firma ta' Carmel Attard li dak iż-żmien kien il-kap tal-iskola msemmija. Iċ-ċertifikat kien jiċċertifika li l-imsemmi Raphael Axiaq kien student fl-iskola Ninu Cremona sa Frar 1987 u l spiċċa fil-Form V. Raphael Axiaq kien ingħata l-kariga ta' *principal security officer* fl-Isptar Ġenerali Għawdex iżda wieħed mill-kandidati għall-istess kariga kien oġġezzjona u għalhekk Raphael Axiaq ntalab jipproduċi ċertifikat ta' terminazzjoni ta' attendenza l-iskola. Axiaq pproduċa ċ-ċertifikat li ntalab. Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija rriżulta li għalkemm kien veru li Raphael Axiaq kien attenda l-iskola Ninu Cremona ma kienx minnu li huwa kien spiċċa mill-iskola msemmija fil-Form V. Bħala konsegwenza Raphael Axiaq tneħħa mill-kariga li kien ingħata. Meta Axiaq ġie nterrogat mill-pulizija dan stqarr li huwa ma kellux ċertifikat ta' terminazzjoni ta' attendenza l-iskola u allega li l-imputat, li kien jaħdem fil-Ministeru ta' Għawdex, kien għenu jimmanifattura ċ-ċertifikat falz billi pprokuralu ċertifikat vojt bit-timbru tal-iskola, mela fih id-dettalji ta' Raphael Axiaq. L-imputat imbgħad iffirma ċ-ċertifikat b'firma bl-isem ta' Carmel Attard biex b'hekk jagħti x'jifhem li ċ-ċertifikat inħareġ mill-kap tal-Iskola. Il-firma falza setgħet timita l-firma ġenwina tal-kap tal-iskola għaliex kienet ġiet kupjata minn fuq ċertifikat ġenwin. Di fatti Carmel Attard ċaħad li l-firma fuq iċ-ċertifikat prodott minn Raphael Axiaq kienet tiegħu.

**6.** Minn naħa tiegħu l-imputat appellant ċaħad kull involviment fl-iffalsifikar taċ-ċertifkat imsemmi anki meta xehed quddiem l-ewwel Qorti.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistgħu jiġu riassunti kif ġej:
1. l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni tal-liġi żbaljata fir-rigward tax-xiehda ta' Raphael Axiak għaliex skont l-appellant skartat dak li jipprovdi l-artikolu 639(2) tal-Kodiċi Kriminali;
2. ix-xiehda ta' Raphael Axiak, meħuda fid-dawl ta' dak dispost fl-artikoli 639(3) u 637 tal-Kodiċi Kriminali u fid-dawl tal-provi l-oħra ma setgħet qatt twassal għall-ħtija tal-

appellant għaliex ma twassalx sal-livell tal-prova rikjest mil-liġi;
3. ċerti provi bħal dawk tal-espert Martin Bajada u d-dikjarazzjoni ta' Carmel Attard, meħuda fid-dawl tad-depożizzjoni tal-imputat, ikomplu jsaħħu s-sottomissjonijiet tal-appellant li s-sentenza appellata hija *unsafe and unsatisfactory*;
4. mingħajr preġudizzju għall-aggravji premessi, l-piena kellha tkun aktar miti tenut kont taċ-ċirkustanzi.
Ikkunsidrat:
**8.** In kwantu għall-**<u>ewwel aggravju</u>** dan aktar milli mhux sostnut huwa assolutament insostenibbli. L-appellant jippretendi li l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu msemmi, iżda, sempliċement ma hux applikabbli għall-Qorti tal-Maġistrati iżda hu kjarament applikabbli biss għall-Qorti Kriminali kostitwita b'ġurija għaliex l-istess artikolu huwa espliċitament applikabbli limitatament "dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati" li kjarament ma hux il-każ li kellha quddiemha l-ewwel Qorti. Ll xhieda tigi kunsidrata b'ċirkuspezzjoni jew b'kawtela ma jfissirx li dik ix-xhieda teħtieġ korroborazzjoni u għalhekk l-ewwel Qorti ma kienet żbaljata xejn meta rriteniet li bħala prinċipju xhud wieħed jekk emmnut huwa suffiċjenti biex tinstab ħtija mingħajr korroborazzjoni. Ir-reat li bih kien imputat l-appellant ma hux wieħed li jeħtieġ li xhud kompliċi jiġi korroborat u l-artikolu 639(3) nnifsu ma jirrikjedix li xhud kompliċi jiġi korroborat, anqas "fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati". Dan kollu ma jfissirx li kwalunkwe Qorti meta ma tkunx kostitwita b'ġurija ma għandhiex tuża kawtela u cirkospezzjoni meta tkun qed tagħmel apprezzament tax-xiehda ta' kompliċi. Ifisser biss li ma jistax jiġi invokat l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali għal sitwazzjonijiet li għalihom l-istess artikolu kjarament mhux applikabbli. Minkejja l-inapplikabilita' tal-artikolu 639(3) fl-ewwel istanza ma jirriżultax, kif allegat mill-appellant, li l-ewwel Qorti kienet b'xi mod leġġera jew ma użatx iċ-ċirkospezzjoni jew il-kawtela awspikata mill-appellant fl-apprezzament tax-xiehda ta' Raphael Axiaq. Anzi, jirriżulta li l-ewwel Qorti identifikat dawk li dehrilha huma inkonsistenzi fid-depożizzjoni tax-xhud Raphael Axiaq iżda waslet għall-konklużjoni li dawn ma kienux tali li

jiskossaw il-kredibilita' tax-xhud fil-parti kruċjali tad-depożizzjoni tiegħu li tinkrimina lill-appellant u għalhekk kienet tal-fehma li setgħet tagħti lix-xhud affidament f'dik il-parti tax-xhieda tiegħu. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

**9.** **<u>It-tieni</u> u <u>t-tielet aggravji</u>** huma essenzjalment lmenti dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti anki jekk l-appellant jipprova jlibbishom taħt sura ta' xi aggravji ta' natura legali. Dwar dan ix-xorta ta' aggravju huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

**10.** L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma jmesshiex straħet fuq ix-xiehda ta' Raphael Axiaq għaliex ta verżjonijiet differenti tal-fatti, kienet inverosimili, u mgiddba minn provi oħra.

**11.** L-Ispettur Angelo Gafa' xehed li Raphael Axiaq kien applika għall-kariga ta' principal security officer fl-Isptar ta' Għawdex fis-sena 2004 u f'Settembru 2005 kien ġie approvat mill-Kummissjoni tas-Serviżż Pubbliku għall-istess kariga. Wara lment li kien sar mill-persuna li ġiet it-tieni fil-konkors għall-kariga kien ġie interrogat l-imsemmi Raphael Axiaq fl-1 ta' Marzu 2007 li wara d-debita twissija ammetta miegħu li ċ-ċertifikat in kwistjoni kien falz. Raphael Axiaq stqarr li kien għenu l-imputat Mario Camilleri li kien jaħdem fil-Ministeru ta' Għawdex u li kien ġablu ċertifikat vojt bit-timbru tal-iskola. Kompla jistqarr mal-Ispettur Anġelo Gafa' li l-imputat kien mela ċ-ċertifikat bid-dettalji tiegħu (ta' Raphael Axiaq) u niżżel ukoll il-marki u dan fuq struzzjonijiet ta' Axiaq. Ddikjara wkoll li kien l-imputat li ffalsifika l-firma tal-Kap tal-Iskola Carmel Attard fuq iċ-ċertifikat. Axiaq kompla jistqarr mal-Ispettur li

l-firma ta’ Carmel Attard kienu rawha minn fuq ċertifikat ieħor li kellha l-firma ta’ Carmel Attard u li kien iddobba l-istess Raphael Axiaq.

**12.** Meta’ Raphael Axiaq xehed fl-ewwel istanza, f’liema okkażżjoni ma sarlu ebda kontroeżami f’ebda stadju għalkemm il-kontroeżami kien ġie riservat mid-difiża inizalment, dan ikkonferma mingħajr ħafna titubar id-dettalji kollha ta’ dak li kien ġara kif kien stqarr lill-pulizija ħlief għaż-żewġ ċirkustanzi identifikati mill-ewwel Qorti kif ukoll mid-difiża. L-ewwel waħda hi li meta xehed qal li t-tieni ċertifikat li minn fuqu ġiet kopjata l-firma ta’ Carmel Attard kien ġabu l-imputat stess waqt li lill-pulizija kien qallhom li kien pprokurah hu (Raphael Axiaq). It-tieni ċirkostanza, li ma hix inkonsistenza iżda tirriżulta biss li hi żbaljata, tirrigwarda li meta xehed (ħaġa li ma tirriżultax li kien speċifika meta ġie interrogat mill-pulizija) huwa qal li fl-uffiċju li fih kellem lill-imputat kien hemm skrivanija waħda mentri l-imputat, Anthony Borg, il-Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex u Marion Zammit, li wkoll kienet taħdem fil-Ministeru għal Għawdex fl-istess uffiċju tal-imputat,  xehedu li fl-uffiċju tal-imputat kien hemm aktar minn skrivanija waħda.

**13.** Din il-Qorti iżda, b’dak kollu li ssottometta l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ma ssibx raġunijiet serji biżżejjed li jinduċuha tiddipartixxi mill-apprezzament li fid-diskrezzjoni tagħha għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti u li wassluha għall-konklużjoni li ż-żewġ diskrepanzi fuq riskontrati ma kienux tali li jimminaw il-kredibilita’ u l-affidabilita’ tad-depożizzjoni altrimenti konsistenti li Raphael Axiaq ta quddiem l-ewwel Qorti. Għalkemm dan kien ikun biżżejjed sabiex jiġi indirizzat dan l-aggravju din il-Qorti tmur oltre minn hekk u tistqarr li hi wkoll ma tkkunsidrax id-diskrepanzi riskontrati tali sabiex b’xi mod jiskossaw l-affidament li din il-Qorti tagħti lid-depożizzjoni tax-xhud Raphael Axiaq li tqisha bħala verosimili, kredibbli u affidabbli. Jiġi rilevat - ċirkostanza li xejn ma jaċċenna għaliha l-appellant - li meta Axiaq fis-27 ta’ Ottubru 2010 xehed għall-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti kienu gia għaddew aktar minn tlett snin u nofs minn  meta kien ġie interrogat mill-pulizija  fl-1 ta’ Marzu

2007 dwar il-fatti relevanti tal-każ li ġraw għall-ħabta tal-bidu tal-2006. Fiċ-ċirkustanzi, għalhekk, hemm spjegazzjoni raġonevoli suffiċjenti li tispjega d-diskrepanzi identifikati għaliex bit-trapass taż-żmien il-memorja tittappan u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli li persuna tiftakar bi preċiżoni x'diskors ikun intqal u x'ikun ġara snin qabel u d-dettalji deskrittivi ta' persuni, oġġetti u postijiet.

**14.** Dan jgħodd mhux biss għax-xhud Raphael Axiaq iżda jgħodd għax-xhieda kollha nklużi l-uffiċjali li ntervistaw lil Raphael Axiaq għall-finijiet tal-għażla li jidher evidenti li meta xehedu kienu aktar qed jistrieħu fuq dak li "bil-fors", jew li normalment, jiġri milli għaliex kienu qed jiftakru preċiżament x'ġara waqt l-intervista.

**15.** In kwantu għaċ-ċirkostanza ta' x'kien iddikjara Carmel Attard dwar ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja u School Leaving Certificate f'dikjarazzjoni allegatament tat-13 ta' April 2006 li għaliha saret riferenza mill-Bord ta' Inkjesta (fol. 55), l-Qorti tirrileva li d-dikjarazzjoni msemmija ma jidhirx li kienet waħda bil-ġurament u ma sar ebda kontro-eżami mid-difiża dwarha lill-istess Carmel Attard meta xehed bil-ġurament fil-kors tal-proċeduri fl-ewwel istanza fejn sostna li l-firma "C. Attard" u l-kaligrafija li tidher fuq iċ-ċertifikat Dok. RA6, u ċioe' ċ-ċertifikat in kwistjoni, ma kienetx il-firma u kaligrafija tiegħu. Id-dikjarazzjoni msemmija għalhekk baqgħet waħda extra-ġudizzjarja mhux ġuramentata li din il-Qorti ma tista' tagħtiha ebda piż bħala prova tal-kontenut tagħha. Dan apparti wkoll il-kunsiderazzjoni li l-espert Martin Bajada kategorikament eskluda li l-firem u kitba fuq iċ-ċertifkat imsemmi kienu tal-imsemmi Carmel Attard.

**16.** Din il-Qorti anqas ma tara xejn li hu *unsafe and unsatisfactory* fis-sejbien ta' ħtija da parti tal-ewwel Qorti. Dan ġia jirriżulta ċar mill-kunsiderazzjonijiet premessi ta' din il-Qorti. In kwantu għall-aċċenn mill-appellant għall-konklużjonijiet tal-espert Martin Bajada,l-ewwel Qorti għamlitha ċara fil-kunsiderazzjonijiet tagħha li l-istess espert kien kkonkluda li "a bażi ta' kunsiderazzjoni u opinjoni <u>bla ebda dubbju</u> l-esponent huwa tal-opinjoni li

ma hemmx biżżejjed evidenza li l-kitba u l-firma saru minn Mario Emanuel Camilleri ID 29190M". Fl-istess ħin, iżda, għamlitha wkoll daqstant ċar li x-xiehda ta' Raphael Axiaq ma ġietx newtralizzata mill-konklużjonijiet tal-istess espert fejn ikkonkluda li ma jeskludix li l-firma u l-kitba fuq iċ-ċertifikat in kwistjoni huma tal-imputat. Il-Qorti ma tara xejn *unsafe jew unsatisfactory* f'dan kollu u anzi tara manifestazzjoni taċ-ċirkospezzjoni u kawtela li użat l-ewwel Qorti fl-apprezzament tax-xiehda ta' Raphael Axiaq kif ippretendiet id-difiża.

**17.** Il-Qorti ser issa tikkunsidra r-**<u>raba' aggravju</u>** dwar il-piena. Għalkemm l-appellant isostni li "l-piena nflitta mill-Qnorabbli Ewwel Qorti setgħet fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tkun aktar miti" l-appellant ma jispegax liema huma dawn iċ-ċirkostanzi tal-każ li jimmilitaw favur piena aktar miti tenut kont li l-ewwel Qorti ma imponietx fuq l-appellant piena ta' priġunerija effettiva iżda ordnat li t-terminu ta' priġunerija għal 15-il xhar jiġi sospiż għal żmien sentejn. Ġie kostantement ritenut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'dan il-kaz ma jeżistux raġunijiet tali. Il-piena ta' priġunerija li ġiet sospiża hi raġonevolment u pienament fil-parametri previsti mill-liġi għall-ħtija tar-reat in kwistjoni. Inoltre, fiċ-ċirkostanzi tal-każ piena ta' priġunerija hi indikata u għalhekk il-miżura ta' sentenza sospiża applikata mill-ewwel Qorti kienet konformi mal-artikolu 28A(2) tal-Kodiċi Kriminali li jirrikjedi li l-Qorti ma għandhiex tittratta ma' ħati permezz ta' sentenza sospiża ħlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-każ ikun wieħed li fih sentenza ta' priġunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgħa li tissospendi dik is-sentenza. Tenut kont tal-konklużjonijiet hawn raġġunti din il-Qorit tiċħad ukoll dan l-aggravju.
Għall-motivi premessi tiċħad l-appell ta' Mario Emanuel Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------